# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1093

**tal-15 ta' Mejju 2023**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Korea għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni u, dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Korea ma' Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 186 u 212, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi;

(1) Ir-Repubblika tal-Korea ("Korea") tissodisfa l-kriterji fil-punt (d) tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(2) In-negozjati jenħtieġ li jinfetħu bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim mal-Korea dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Korea ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Korea ("Korea"), f'isem l-Unjoni, għal ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Korea fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Korea ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027).

*Artikolu 2*

Id-direttivi ta' negozjar huma stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja, għal kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Korea fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, u mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka, għal kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Korea fil-Programm Orizzont Ewropa.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Mejju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. FORSSMED